**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002**

**Numru 15**

**Avviz. numru 307/02JR**

**Is-socjeta` M&B Limited**

**vs**

**Joseph u Maria Dolores konjugi Cachia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-attrici fil-11 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u wiehed u sittin lira Maltija (Lm961.00), rapprezentanti l-prezz ta' l-edukazzjoni jew ta' taghlim jew servizzi ancillary moghtija lilhom mis-socjeta` attrici fir-rispett ta' uliedhom Etienne u Roberta Cachia;**

**Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu din is-smma ta' disa' mija u wiehed u sittin lira Maltija (Lm961.00) il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.**

**Ghalhekk kellha issir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2002, deher id-difensur tal-konvenuti li ddikjara li l-pagament kien ser isir.**

**Ra li fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2002, dehret id-difensur tas-socjeta` attrici li ddikjarat li l-pagament sa dak inhar ma kienx sar.**

**Semgha x-xhieda ta' Venoise Zahra, assistant financial controller mas-socjeta` attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta`**

**attrici s-somma ta' disa' mija u wiehed u sittin lira Maltija (Lm961.00), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**